# 90 sena ilu tiġi mżanżna uniformi ġdida għall-bandisti tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija

George Bondin

Propju 90 sena ilu ġiet imżanżna uniformi ġdida għall-bandisti tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija. F'laqgħa ġenerali li kienet saret fl-20 ta' Settembru 1923, kien ġie deċiż li ssir uniformi għall-bandisti. Din kienet tikkonsisti fi ġlekk u qalziet ta' lewn abjad tad-drill u ngravata sewda kif ukoll beritta b'faxx sewda, bl-arma tas-Soċjetà.

Ħafna mil-ispejjeż għal din l-uniformi ġew imħallsa mill-bandisti stess. Maximilla Zammit, benefattriċi tas-Soċjetà, meta l-allievi kienu joħorġu jdoqqu mal-banda, din kienet tħitilhom l-uniformi bi spejjeż tagħha. Illum għad fadal bandisti anzjani li kienu bbenefikaw minn din il-ġenerożità. Din kienet tagħmlu minn qalbha għaliex kellha mħabba ġenwina għall-Għaqda Mużikali Sant'Andrija li tagħha ħuha s-Sur Karm Zammit kien President tas-Soċjetà u ħutha l-oħra Mosè u Ġużeppi kienu bandisti.

Waqt intervista li għamilt lil Salvu Schembri *(ta' Redenta)* wieħed minn dawn il-bandisti li bbenifika minn din l-għotja rrankontali hekk: "Ħriġt indoqq il-Cornu mal-banda meta kelli 13-il sena fl-1937. Il-Max, kif konna nsibuha, bagħtitni għand Kola l-Ħajjat mis-Siġġiewi, li kellu l-ħanut tal-ħjata f'kamra fil-ġenb tad-dar fejn illum joqogħdu l-familja Farrugia *(Ta' Ġakbu)* f'Misraħ il-Knisja, Ħal Luqa biex iħitli l-uniformi. Il-Max kienet ħadet ħsieb l-ispejjeż ta' din l-uniformi. F'dak iż-żminijiet ftit kellna x'nilbsu u kull meta jasal servizz tal-banda tista' taħseb kemm kont nifraħ għax ħa nilbes l-uniformi tal-banda."

Din l-uniformi, flimkien ma' sett qniepel, xi strumenti tad-ditta *Boosey & Hawkers* kif ukoll il-planċier, ġew imżanżna għall-programm li l-Banda Sant'Andrija esegwit f'Misraħ il-Knisja nhar l-20 ta' Settembru 1924, 90 sena ilu, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Ħalluqi Salvu Spiteri. F'dan il-programm indaqqu dawn is-siltiet:

Marcia Militare; The Vanished Army Alfrod
Sinfonia Incompleta 1mo Mov., Schubert
Selection Faust, Gounod
Selection Lucia Li Lamermoor, Donizetti
Innu tal-Banda, Miruzzi
Innu Malti
Alla jsalva r-Re.

Wara dan il-programm l-ammiraturi tal-banda rregalaw standard bl-arma tal-banda rrakkmata bid-deheb fuq sfond aħmar. Dan tbierek mill-Kappillan Dun Ġużepp Magri ġewwa l-Knisja Parrokkjali. Dan l-istandard għadu miżmum b'għożża kbira fil-każin wara li kien ġie rranġat peress li kienet saritlu xi ħsara meta ġġarraf il-każin fil-gwerra.

B'xorti tajba kull min iżur il-każin, f'waħda mill-vetrini li hemm fis-sala tal-banda ssib waħda minn din l-uniformi li kienet iżżanżnet 90 sena ilu. B'tifkira ta' dan l-anniversarju minn meta seħħew dawn l-avvenimenti, qed nippublikkaw sett ta' ritratti kommemorattivi.

**Referenzi**


Programm tal festa tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija 2001, paġna 137.

Programm tal-festa tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija 1994, paġna 65.

L-Għaqda Mużikali Sant'Andrija, twelidha u ġrajjietha, paġni 109 u 111.




20 ta' Settembru 1924 - Il-Banda Sant'Andrija ddoqq f'Misraħ il-Knisja bl-uniformi l-ġdida



Maximilla Zammit



Bandisti tal-Banda Sant'Andrija flimkien mas-surmast f'San Ġiljan.
Quddiem mix-xellug: Anthony Demicoli *(Kasu)*, Salvu Ciappara, Antonio Micallef, Carmelo Fenech *(ta' Żeppa)*, Ġużeppi Demiċoli *(iż-Żiffa)*, Nardu Mifsud *(Kexkux)*, it-tifel Joseph Micallef wara sar qassis.
Wara mix-xellug: Mikiel Galea *(ta' Minka)*, Ċikku Zammit *(ta' Palma)*, Mabbli Fiott, Indri Spiteri *(Ċesri)*



Ċikku Calleja u Carmelo Mangion bl-uniformi tal-Banda



Ġużeppi Grixti, flimkien ma' membri u partitarji, ħiereġ bl-istandard mill-knisja wara li tbierek mill-Kappillan


Il-bandist Ġużepp Sapiano, missier l-avukat Sapiano bl-uniformi l-ġdida



Il-bandist Salvu Cauchi mal-qniepen li ġew imżanżna f'dan il-programm li l-Banda Sant'Andrija esegwit nhar l-20 ta' Settembru 1924 għall-okkażjoni tal-uniformi l-ġdida



Il-bandist Salvu Ciappara fuq il-lemin flimkien ma' bandist ieħor bl-uniformi tal-banda



Il-bandist Rosario Grima (ta' Bansa)



Il-bandist Ninu Cremona



Mikiel Galea *(ta' Minka)* bit-timpani li kien irregala lill-Banda Sant'Andrija